# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 19 ta' April, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.50pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.40pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |

Udjenza : 0

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Approvazzjoni Rapport Amministrattiv
(4) Approvazzjoni Rapport Finanzjarju
(5) Pjan Finanzjarju 2006/2008
(6) Approvazzjoni ta' Jum l-Isla
(7) Ħinijiet u Miżuri għas-sena 2006/2007
(8) Kuntratt Sweeping

Hekk kif bdiet il-laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti ta' proċedura biex items 7 u 8 ta' l-Aġenda jiġu diskussi fil-laqgħa ta' wara minħabba li huwa xtaq li jikonsulta ruħu aktar qabel jittieħdu ċertu miżuri. Din is-sospensjoni ġiet aċċettata.

## 21 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Billi il-minuti ġew imqassma minn qabel dawn ġew meħuda bħala li nqraw.

21 (1) 1 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem com il-minuti kif preżentati.

## 21 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u il-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Nr. 20)

21.(2) 1 **Teatru fl-Edukazzjoni (4 ta' April 2006)**

Fil-laqgħa li kellu ma Miss Williams dwar it-teatru fl-edukazzjoni li huwa mezz effettiv kif it-tfal jistgħu jiġu mgħallma fuq suġġetti serji u ta' livell għoli b'mod ħaj u frisk. Dan isir b'għajnuna ta' atturi professjonali li jgħinu lit-tfal jiżvillupaw dak li tgħallmu.

Is-Sindku qal li hemm possibilita' li il-Kunsill jkun jista' juża' dan it-teatru bħala programm edukattiv u soċjali għas-sajf li ġej probabilment flok dak li kien is-Summer Club.

21.(2) 2 **Skola Primarja Don Mauro Inguanez (4 ta' April 2006)**

Għalkemm is-Sindku telgħa ħdejn l-iskola hu qagħad lura milli jintervjeni u ħalla lis-surmast jaġixxi.

Wara is-Sindku ġie avviċċinat minn xi ġenituri u fissrulu li kien hemm tlett każijiet ta' Hepatitis A. Huwa intervjena billi informa lil tas-Sanita' u id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Is-Sindku kiteb wkoll minnufih lill Kummissarju tat-Tfal Sonia Camilleri dwar dan il-każ (kopja mehmuża 04/0760/06/O)

Is-Sanita' informa lis-Sindku li huma kienu diġa' infurmati minn min hu inkarigat f'kull skola. Minn naħa l-oħra ma kienx possibli li is-Sindku jagħmel kuntatt mad-Direttur ta' l-Edukazzjoni minkejja l-insistenza tas-Sindku.

Għal ħabta tas-2.30pm id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għamel stqarrija għall-istampa dwar il-każ (Hepatitis A 04/0712/06/I) u minnufih is-Sindku Joseph Casha qara il-kontenut ta' din l-istqarrija lill-ġenituri li kienu qegħdin jistennew quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku kien assigurat mill-Kap ta' l-iskola li ma kienx hemm problemi.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal laqgħa tal-Kunsill fis-6.40pm

21.(2) 3 **Kumitat Konġunt LES (18 ta' April 2006)**

Din kienet laqgħa ta' preparazzjoni għal laqgħa li kellha issir mal-kuntrattur Sterling Security.

Matul din il-laqgħa ħarġu diversi punti :

1. biex issir fixed patrol fit-toroq

2. li il-Kunsill mhux ser iħallas dik il-kontravenzjoni jekk warden joħroġ ċitazzjoni li jkun jaf li it-Tribunal ma japprovax

3. li il-Kunsill ma jħallasx għal dik is-siegħa jekk jinstab li il-Warden mhux qed jagħti servizz kif mitlub minnhu.

21.(2).4 **Ħlas u Dħul mill-LES**

Waqt din il-laqgħa is-Sindku Joseph Casha reġa' tenna it-tħassib tiegħu dwar il-fatt li għalkemm fuq il-karta jidher li multi mogħtija qed ikunu aktar mill-ispejjes, dan il-Kunsill kull ma jmur mhux qed ikollu flus biżżejjed biex iħallas l-ispiża tiegħu ta' kull xahar.

Dan ifisser li multi mhux qed jitħallsu jew li ċerti ħlasijiet ta' multi ma jiġux depożitati minn Kunsilli oħra.

Huwa osserva li jekk dan jibqa' jseħħ dan jista' jaffettwa l-Accounts tal-Kunsill li jista' jkun qed jara dħul li qatt mhu sejjer jidħol fil-Kunsill.

Fil-fehma tas-Sindku, il-Kunsill ma jistax jibqa' joħroġ flus mill-fondi tal-Kunsill biex jibbilanċja l-ispejjeż mitluba għat-tmexxija tas-sistema.

Għalhekk huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex sa l-aħħar ta' Mejju iħejji rapport tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' LES u kif din qed taffettwa l-andament tal-finanzi tal-Kunsill kif ukoll x'inhuma l-obbligi finanzjarji tal-Kunsill jekk tittieħed deċiżjoni li dan il-Kunsill joħroġ mis-sistema.

21. (2) 5 **Ground tal-Football**

Wara kuntatti li is-Sindku għamel mal-Mepa (Perit Melvina Camilleri) kien jidher li hemm oġezzjonijiet minn naħa tal-Heritage Advisory Commission li it-taraġ jintmiss. Is-Sindku sostna li dan il-ground hu devolut lill-Kunsill bħala ground u dan irid isir anki kif inhu.

Hija issuġeriet li jkun aħjar li il-perit f'isem il-Kunsill jirtira l-applikazzjoni u issir talba mill-ġdid. Is-Sindku kellem lill-perit dwar dan u dan kellu jkellem lill-Perit Mallia inkarigat minn dan il-bord biex jara x'jista' jsir.

Is-Sindku issuġerixxa li il-Kunsill għandu jistenna sa mhux iżjed minn xahar u jekk ma jkunx hemm żviluppi ġodda huwa jressaq proposta quddiem il-Kunsill biex issir l-ewwel fażi tal-proġett, dik li jsir il-livellar ta' l-art.

21.(2) 6 **Korrispondenza**

Ġiet preżentata il-korrispondenza mibgħuta u rċevuta bejn id-29 ta' Marzu 2006 u it-18 ta' April 2006.

04/0654/06/I Aġenzija Appoġġ

Il-Kunsill ġie mistieden għall-launching tal-proġett Home Start International, li jittratta fuq kif wieħed jieħu ħsieb tfal taħt il-5 snin.

04/0668/06/I Legal Notice 12/01 – Trees, Woodland Protection

Il-Kunsill irċieva Memo 10/06 dwar Avviż Legali imsemmi hawn fuq.

04/0675/06/I Talba biex isir Reserved Parking quddiem ħanut

Il-Kunsill iddiskuta it-talba ta' Anthony Zahra fit-tul.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar approvat li issir yellow box jew double line tul il-fetħa tal-bieb tal-ħanut.

Is-Sindku Joseph Casha, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood għamel kontro mozzjoni li il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba għax kien sejjer jinħoloq preċedent ma ħwienet oħra u dan il-permess jingħata biss bil-kunsens ta' l-ADT.

Il-kontro mozzjoni imressqa mis-Sindku tressqet għal vot. Ir-riżultat kien hekk :

Favur 2 – Sindku Joseph Casha
Il-Kunsillier Louis Henwood

Kontra 2 – Il-Kunsillier Charmaine Gerada
Il-Viċi Sindku Walter Ahar

Astensjoni 1 – Il-Kunsillier Reno Chircop

Is-Sindku Joseph Casha tefa' il-casting vote tiegħu favur din il-kontro mozzjoni .

Il-mozzjoni tal-Kunsillier Charmaine Gerada tressaq għal vot. Ir-riżultat kien hekk :

Favur 2 – Kunsillier Charmaine Gerada
Viċi Sindku Walter Ahar

Astensjoni 1 – Kunsillier Reno Chircop

Kontra 2 – Is-Sindku Joseph Casha
Il-Kunsillier Louis Henwood.

Għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li it-talba tas-Sur Zahra tiġi miċħuda.

Il-mozzjoni u il-kontro mozzjoni fid-dettal huma mehmuża mal-minuti. App. I.

04/0676/06/I <u>Attivita' fil-Parroċċa</u>

Il-Kunsill irċieva programm ta' attivitajiet tal-paroċċa għax-xahar ta' April 2006

04/0687/06/I <u>Ringrazzjament</u>

Is-Sur Anton Gouder irringrazzja lill-Kunsill għal mod ta' kif qed jaħdem biex ikabbar in-knowledge taċ-ċittadini.

04/0707/06/I <u>Użu tal-Gardjola mill-Grupp Gwardjola</u>

Il-Kunsill approva it-talba tagħhom għall-attivita' mtella minnhom fil-21 ta' Lulju 2006

04/0709/06/I <u>Memo 5/2006</u>

Il-Kunsill wieġeb din il-Memo li kienet dwar mistoqsija Parlamentari 16930 li kienet titlob lista ta' riżenji tal-Kunsilliera mit-twaqqif tal-Kunsill.

04/0711/06/I <u>Triq San Ġużepp</u>

Il-perit iċċertifika il-ħlas għax-xogħol imwettaq minn Pada Builders f'din it-triq (Lm18,008.70)

04/0720/06/I <u>Użu ta' Ġnien il-Gardjola</u>

Il-Kunsill approva it-talba tas-Sur Buttiġieġ biex jagħme lit-tieġ tiegħu f'dan il-ġnien. Dan it-tieġ sejjer isir fis-27 ta' Lulju 2007.

04/0722/06/I Global Capital

Il-Kunsill bagħat kopja tal-programm ta' l-attivitajiet tiegħu li bi ħsiebu jtella' fix-xaharejn li ġejjin. Intbagħat programm ta' l-attivitajiet tul il-ġimgħa ta' attivitajiet b'tifkira ta' Jum l-Isla.

04/0725/06/I Bust Vitorin Galea

Il-Kunsill irċieva il-Full Development Pemission biex isir il-bust kif propost.

04/0729/06/I Avec Network

Il-Kunsill flimkien maż-żewġt ibliet oħra tal-Kottonera ġie mitlub jibgħat l-Action Plan għall- 2006 biex jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Bureau li sejra issir fil-25 ta' April 2006.

04/0730/06/I

Il-Kordinatur tal-Kumitat Konġunt (dwal) informa lill-Kunsill li il-kuntratt tal-contract manegment ġie terminat.

04/0731/06/I Seminars Equal Opportunities

Id-Dipartiment għal Gvern Lokali informa lill-Kunsill dwar seminars li sejrin jittellgħu dwar dan is-suġġett.

04/0761/06/I Tweġiba mill-ADT

It-tweġiba mill-ADT ma kienet xejn pożittiva għall-ilment imressaq mis-Sindku Joseph Casha dwar in-numru eżaġerat ta' karozzi tal-linja fil-venda ta' l-Isla sitta f'daqqa ħsarat tal-vettura u żjut fl-art fuq l-asfalt.

04/0764/06/I Konferenza European Cities Against Drugs

Is-Sindku ma aċċettax l-istedina biex jieħu sehem f'din il-konferenza fil-Lithuania minħabba l-ispejjeż involuti.

04/0765/06/I Kumitat Konġunt tad-Dawl (Tender)

Kien hemm applikazzjoni waħda, dik tan-Nexos. Jidher li hemm prezzijiet li għolew mill-aħħar kuntratt b'mod speċjali fejn jidħol tibdil ta' lanterni. Qabel tittieħed deċiżjoni il-Kumitat Konġunt xtaq li jkollu kummenti mill-Kunsilli affiljati.

Dan il-Kunsill qed jaqbel ma dawn il-prezzijiet. Is-Segretarju tal-Kumitat

Konġunt sejjer jiġi nfurmat dwar dan.

04/0703/06/I

04/0769/06/I Biċċiet tal-Baħar fuq l-art ħdejn il-Maċina

Il-Kunsill kiteb lill-Maritime Authority fejn qed jilmenta għal diversi biċċiet tal-baħar li ittellgħu l-art mingħajr permess biex jiġu imsewwija. Dan qed joħloq inkonvenjent. Il-Kunsill irċieva aknowledgment.

04/0773/06/I I Love You Malta Tv

Il-Kunsill irċieva stedina biex isiru intervisti minn naħa tal-Kunsill u biex ikun hemm xi ħadd preżenti waqt il-filming ta' dan il-programm. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din it-talba. Il-Kunsill irid jiġbor aktar informazzjoni fuq di nit-talba.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ħarġet mill-laqgħa tal-Kunsill (Ħin 7.50pm)

04/0772/06/I Sistema tal-House Connections Dockyard Terrace

Id-Direttur tad-Dipartiment Bini u Tiswija tad-Djar wieġeb għat-talba tal-Kunsill biex tinbidel isir it-tibdil ta' din is-sistema. Dan ser isir fil-futur immedjat issa li t-temp qagħad.

04/0775/06/I Paragon Europe Ltd.

Din il-koperazzjoni li tispeċjalizza fl-EU funding programs talbu biex jagħmlu presentation (20 minuta) lill-Kunsill dwar benefiċċji li hemm għall-Kunsill f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill qabel li jingħatalhom appuntament.

04/0752/06/I Kuntrattur Knis ta' Toroq

Il-kuntrattur bagħat ittra fejn informa lill-Kunsill dwar il-ħinijiet li sejrin jaħdmu il-ħaddiema tiegħu fit-tindif tat-toroq. (6 siegħat kuljum)

04/0756/06/I Victor Paul Cassar

Is-Sindku qara l-ittra dwar ilment li ressaq lill-Kunsill dwar l-indafa fil-lokal. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

## 21 (3) Rapport Amministrattiv 2005/2006

Is-Sindku Joseph Casha qara dan ir-rapport amministrattiv li kien sejjer jiġi ippreżentat fil-laqgħa pubblika tal-lokal li kienet imsejjħa għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' April 2006 (kopja mehmuża).

21 (3) 1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva dan ir-rapport nem com.

## 21 (4) Rapport Finanzjarju 2005/2006 fil-qosor

L-accountant tal-Kunsill li kienet preżenti għal din il-parti tal-laqgħa fissret fil-qosor id-dħul u il-ħruġ tal-Kunsill flimkien mal-Balance Sheet (kopja mehmuża). Dawn sejrin jiġu preżentati fil-laqgħa pubblika tal-lokal nhar il-21 ta' April 2006.

21 (4) .1 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dan ir-rapport.

## 21 (5) Pjan Finanzjarju 2006/2008

Is-Sindku Joseph Casha għamel il-proposta tiegħu tal-ħidma li dan il-Kunsill għandu jwettaq sas-sena 2008 (kopja mehmuża)

21 (5).1 Dawn il-proposti ġew approvati.

21 (5).2 Aktar tard is-Segretarju Eżekuttiv u l-accountant tal-Kunsill sejrin jagħmlu dawn il-proposti f'forma ta' business plan.

## 21 (6) Programm Jum l-Isla

Ġie preżentat il-programm ta' l-attivitajiet bħala tifkira ta' Jum l-Isla. Dawn sejrin ikunu mifruxa fuq ħamest ijiem (kopja mehmuża).

21 (6) 1 Dan il-programm ta' attivitajiet ġie approvat kif preżentat. Fil-laqgħa tal-kumitat tal-finanzi sejjer jiġi diskuss l-aspett finanzjarju ta' dawn l-attivitajiet.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fit-8.15pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

App. 1

21(2) 6 04/0675/06/I

Mozzjoni Ad Hoc

" Li għandu jsir yellow box/double line quddiem il-bieb, it-tul ikun ikopri il-fetħa tal-bieb minħabba li il-bank li jservi l-ikel minn fuqu huwa wisq viċin ta' l-entratura kif ukoll il-ħanut jinsab f'telgħa bil-konsegwenza li meta jkun hemm parking quddiem il-ħanut, l-exhaust jkun ta' dannu għal min ikun qed jinqeda."

Propost Kunsillier Charmaine Gerada
Issekondat Viċl Sindku Walter Ahar

Kontro Mozzjoni Ad Hoc

"Minħabba li fil-lokal hemm diversi ħwienet li in-negozju tagħhom jitlob il-ħtieġa ta' reserved parking minħabba li jkunu jridu jħottu jeww jgħabbu materjal bżonnjuż ma nistgħux naċċettaw din it-talba għax noħolqu preċedent kontra ħwienet oħra. Għaldaqstant qed napprovaw li din it-talba tiġi rifjutata sakemm il-Kunsill ma jkollux awtorizzazjoni mill-ADT li dan jista' jsir."

Propost Is-Sindku Joseph Casha
Issekondat Kunsillier Louis Henwood

Il-Kunsillier Louis Henwood stqarr li qed jissekonda din il-kontro mozzjoni minħabba il-fatt li aktar l-isfel minn fejn qed issir it-talba hemm ħanut tal-ħaxix allura fil-każ li il-mozzjoni tiġi aċċettata, dan għandu jkollu l-istess trattament.

Korrezzjoni għal minuti nru. 21

F'minuta 21 (6) Programm Jum l-Isla tidħol din l-addenda:

21 (6) 1 Il-Kunsill qabel unimament biex ġieh l-Isla jingħata lill-Chiara.

21 (6) 2 Wara il-Kunsill fetaħ in-nominazzjoniiet li daħlu għal kunsidrazzjoni ta' 'Rikonoxximent ta' Ħidma' miċ-ċittadini Sengleani, li kienu in-nomina ta' Alfred Caruana mis-Soċjeta' Filarmonika La Vincitrice. Il-Kunsill ħass li għandu jressaq żewġ nomini oħra – dik tas-Sur Emmanuel Cassar mis-Soċjeta' Filarmonika La Vincitrice kif ukoll tas-Sur Salvu Grech li qiegħed jagħti kontribut kbir fil-knisja parrokjali.

Dawn in-nomini għandhom jitressqu għal approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

21 (6) 3 L-ispejjeż biex isiru dawn it-trophies sejrin jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi.

21 (6) 1 tiġi taqra 21 (6) 4